MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Numru 517/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt Ramon Mercieca)**
**vs**
**Deemer Bezzina**
**El-Lid El-Huweidi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjub kontra:

**Deemer Bezzina,** ta’ 20 sena, bin Mario u Rose nee’ Agius, imwieled Pieta’ nhar it-18 ta’ Mejju, 1983 u li joqghod 64, Triq San Kristofru, Valletta, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 271483(M);

**EL-LID El Huweidi,** ta’ 35 sena, bin Hadi u Fatima nee’ Abdel Latif, imwielda Tripli nhar il-11 ta’ Ottubru, 1968 u toqghod 125, Triq l-Ifran, Valletta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 150596(M).

**Takkuzahom;**

Talli matul il-gurnata tat-2 ta' Mejju, 2004, ghall-habta ta' 15.00hrs minn gewwa l-gnien ta' Hastings, Triq Papa Piju V, gewwa l-Belt Valletta, ikkomettejtu serq ta' mobile phone tal-marka Nokia 7210 b'numru ta' registrazzjoni 351463107247269, borza ta' l-idejn, portmoni, flus kontanti u xi dokumenti personali ohra, li l-valur taghhom jeccedi Lm100, ghad-dannu ta' l-istess sidien ta' Tracy Piscopo mir-Rabat Ghawdex u Shawn Azzopardi minn San Gwann liema serq huwa aggravat bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur ta' Artikli 261 (c), 267 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement xtrajtu jew ilqajtu ghandkhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan issir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement jew b'kull mod iehor li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom, u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Lil **Deemer Bezzina** wahdu;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser provvediment ta' sentenza li saret definittiva datata 12 ta' Jannar, 2004, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micellef Trigona LL.D.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-28 ta' Gunju, 2004.

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputati biex il-kaz taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;

War li rat l-artikoli 261 (c) u (d), 267, 268, 271, 279, 281 u 334 tal-Kap 9 fil-konfront taz-zewg imputati; u l-art 28B u 28C tal-Kap 9 fil-konfront ta’ Deemer Bezzina;

Wara li semghet ix-xhud tal-karattru mressaq minn Deemer Bezzina li kkonfermat fil-Qorti li hu qed ihejji biex jibda program residenzjali biex jirriabilita ruhu mil-uzu tad-droga;

Tikkundannahom ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) mil-lum, liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputati jikkomettu rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-art 28A  tal-Kap 9.

Fil-konfront ta’ Deemer Bezzina, kwantu ghall-ksur tal-provediment tas-sentenza tat-12 ta’ Jannar, 2004, stante li hemm ragunijiet bizzejjed konsistenti f’opportunita li jirriforma ruhu, bl-applikazzjoni tal-art 28 B (2) (b) testendi l-perjodu ta’ sospenzjoni ta’ sena u nofs prigunerija ghal zmien erba (4) snin mil-lum.

Il-Qorti fehmet l-obbligi tal-imputati naxxenti minn din is=-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------